Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,770, 26 ta' Settembru, 1980
Taqsima B

A.L. 81 ta' l-1980

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar l-Ajruport (Dritt ta' Ħlas għal Servizz lill-Passiġġieri), u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1980.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"passiġġier li jitlaq" tfisser passiġġier li jkun se jitlaq bl-ajru mill-Ajruport ta' Ħal Luqa għal destinazzjoni barra minn Malta mhux fuq inġenju ta' l-ajru militari;

"passiġġier li għaddej in transitu dirett" tfisser passiġġier li jitlaq wara li jasal fl-Ajruport ta' Ħal Luqa u li jkompli t-titjira tiegħu fuq l-istess inġenju ta' l-ajru mingħajr ma joħroġ mill-ajruport;

"ekwipaġġ ta' l-ajru mibgħut fuq xogħol" tfisser membri ta' l-*istaff* li jtiru ta' kumpannija li tħaddem inġenji ta' l-ajru li bħala parti mix-xogħol tagħhom jivvjaġġaw bl-ajru għal post minn fejn ikunu se jaħdmu fuq inġenji ta' l-ajru bħala membri ta' l-ekwipaġġ tiegħu, kemm-il darba l-biljett tagħhom jew id-dokument l-ieħor li bih jivvjaġġaw ikun kontrosenjat mill-operatur ta' l-inġenji ta' l-ajru f'dan is-sens.

Imposizzjonit ta' dritt għal servizz lill-passiġġieri.

3. Għas-servizzi u faċilitajiet ipprovduti lil passiġġieri li jitilqu minn l-Ajruport ta' Ħal Luqa, għandu jitħallas lid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili minn sid ta' inġenju ta' l-ajru jew mill-operatur tiegħu, skond il-każ, dritt ta' £2 dwar kull passiġġier li jitlaq, li jitla' fuq l-inġenju ta' l-ajru tiegħu.

Eżenzjoni.

4. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal passiġġieri li għaddejjin in transitu dirett, ekwipaġġ ta' l-ajru mibgħut fuq xogħol jew tfal taħt sentejn.

Jirrevoka l-G.N. 27 ta' l-1958

5. Ir-Regolamenti (Dritt ta' Ħlas mill-Passiġġier għas-Servizz) ta' l-'Airport', 1958 huma b'dan imħassra.